**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 24 TA' JANNAR, 2002

**Numru:**

**Avviz Nru: 1345/01 JB**

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Damian Casapinta sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Damian Casapinta**

**vs**

**Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm871.68c (tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin tmienja u sittin centezmi) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni kkagunati fil-vettura ABG 837 proprejeta' tal-assikurat Damian Casapinta, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici, fl-incident ta' 30 ta' Jannar 2001, meta minhabba nuqqas ta' prekawzjonijiet mehuda mill-konvenut waqt li kien qed jezegwixxi xoghol ta' thaffir ta' gandott fi Triq San Pawl, Naxxar.

L-istess Damian Casapinta baqa' diehel fl-istess gandott u kkaguna danni fil-vettura tieghu, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b' tort unikament tal-konvenut minhabba n-nuqqas minn naha tieghu li jqieghed sinjali tat-traffiku u/jew barrieri u dawl kif obbligat li jaghmel li jindikaw li kien hemm perikli fil-parti ta' Triq San Pawl, Naxxar soggetta ghat-tiswijiet

Bl-imghax, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-konsult (Lm6) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li il-konvenut ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr. Neville Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kwantu ghall- Lm871.68c (tmien mija u wiehed u sebghin liri Maltin u tmienja u sittin centezmi) rappresentanti danni kkagunati fil-vettura numru ABG 837 proprejta' tal-assikurat Damian Casaapinta, fl-incident ta' 30 ta' Jannar 2001, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**